A.L. 12 ta' l-1984

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET (KAP. 58)

Regolamenti ta' l-1984 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet ta' Dħul fil-Mużewijiet u Monumenti Nazzjonali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar id-Drittiijet, il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin u Kultura, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi u tad-Dwana, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1984 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet ta' Dħul fil-Mużewijiet u Monumenti Nazzjonali, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1979 dwar id-Drittijiet ta' Dħul fil-Mużewijiet u Monumenti Nazzjonali, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". Titolu.

A.L. 102 ta' l-1979

2. Minflok l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej: Jissostitwixxi l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

"SKEDA

(Regolament 2)

Mużewijiet u Monumenti

MALTA

Għar Dalam l-Għar u l-Mużew, Birżebbuġa

It-Tempji Megalitiċi ta' Ħaġar Qim, il-Qrendi

L-Ipoġew ta' Ħal Saflieni, ir-Raħal Ġdid

Il-Palazz ta' l-Inkwiżitur u Mużew Nazzjonali tal-Folklor, il-Birgu

It-Tempji Megalitiċi ta' l-Imnajdra, il-Qrendi

Il-Mużew Nazzjonali ta' l-Arkeoloġija, il-Belt Valletta

Il-Mużew Nazzjonali ta' l-Arti, il-Belt Valletta

Il-Mużew Nazzjonali ta' l-Istorja Naturali, l-Imdina

Il-Mużew Nazzjonali ta' l-Istorja Politika, il-Birgu

L-Armerija tal-Palazz, il-Belt Valletta

Il-Mużew ta' l-Antikitajiet Rumani, ir-Rabat

Il-Katakombi ta' San Pawl, ir-Rabat

Il-Kmamar Statali u l-Kamra ta' l-Arazzi, il-Palazz, il-Belt Valletta

It-Tempji Megalitiċi ta' Ħal Tarxien, Ħal Tarxien

Il-Mużew tal-Gwerra, Forti Sant'Iermu, il-Belt Valletta

GĦAWDEX

Il-Mużew ta' l-Arkeoloġija, iċ-Ċittadella, ir-Rabat

Il-Mużew tal-Folklor, iċ-Ċittadella, ir-Rabat

It-Tempji Megalitiċi tal-Ġgantija, ix-Xagħra.".